# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE K. C., BA. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta` Gunju, 2002**

**Numru: 3**

**Citaz. Numru: 790/02**

**Carmelo u Joseph Pace**

**vs**

**John Zarb u Raymond Debono**

Dan huwa Appell minn sentenza ta` l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili tat-30 t`April 1999 liema sentenza, ghar-ragunijiet li jirrizultaw aktar tard f`dan l-Appell, m`ghandiex ghalfejn tigi riprodotta.

L-atturi hassew ruhhom aggravat minn din is-sentenza u permess ta` rikors ta` l-20 ta` Mejju 1999 interponew appell minnha. Ghar-rikors ta` l-Appell ma saret ebda risposta u ghalhekk a fini ta` l-Artiklu 146 (1) tal-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili l-proceduri bil-miktub kellhom jitqiesu maghluqa. L-appellant pero` naqas, kif kien obbligat jaghmel, li jinnotifika lill-appellati bir-rikors ta` l-Appell kif kien tenut li jaghmel skond l-Artiklu 144 (1) ta` l-istess Kodici u dan nonostante li l-

appellat John Zarb gie notifikat biss bl-Avviz tas-Smiegh f`idejn id-difensur tieghu pero` anke hawn din in-notifika ma tistax titqies bhala wahda valida peress illi n-notifika bl-Avviz f`idejn l-avukat hija prevista biss skond l-Artiklu 152 (2) tal-Kap. 12 f`kaz li ma jigix hekk notifikat l-appellant (mehud ukoll in konsiderazzjoni l-proviso ta` l-istess sub artiklu fuq l-effetti li din in-notifika jista` ikollha).

Fis-seduta tal-24 t`April 2001 l-appellant irrinunzja l-Appell fil-konfront ta` l-appellat Debono u l-Appell gie differit ghan-notifika bir-rikors ta` l-appellat Zarb. Fis-seduta invece tad-9 t`Ottubru 2001 l-Appell gie differit ghat-12 ta` Dicembru 2001 ghad-decizjoni dwar jekk l-Appell kienx dezert. Wara diversi differimenti ohra fejn is-sentenza ma inghatatx il-Qorti giet infurmata fis-seduta ta` l-1 ta` Marzu 2002 li l-Appell seta` jigi cedut. Finalment fis-seduta tal-11 ta` Gunju 2002 quddiem din il-Qorti kif prezentement komposta meta ssejjah l-Appell f`hinu deher biss id-difensur ta` l-appellat li talab li l-appell jigi dikjarat dezert (u dan nonostante illi qabel il-hin jirrizulta li kien deher id-difensur ta` l-appellant li talab li l-Appell jigi differit sine die liema difensur pero` ma regax deher fil-hin li fiha kienet appuntata l-kawza).

Ikkunsidrat;

Illi ma giex precizament specifikat mid-difensur ta` l-appellat taht liema provvediment tal-ligi kien qed jibbaza t-talba tieghu. Id-dizerzjoni ta` kawza fil-grad ta` Appell hija kkontemplata mil-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili sew taht l-Artiklu 963 et sequitur sew taht l-Artiklu 209 (2) ta` l-istess Kodici. Minkejja li din il-Qorti hija tal-fehma ili setghu ukoll japplikaw id-dispozittivi ta` l-Artiklu 963 (1), (2), (5) (b) u (6), hija tal-fehma illi fic-cirkostanzi ta` din il-kawza huwa aktar propizju li jigi applikat il-provvediment ta` l-Artiklu 209 (2) u dana meta jigi kkunsidrat illi meta ssejhet il-kawza f`hinha la deher l-appellant u anqas id-difensur tieghu kif, del resto, ma kienux dehru f`diversi seduti precedenti ohra.

Ghal dawn ir-ragunijiet filwaqt illi il-Qorti tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta` dan l-Appell fir-rigward ta` l-appellat Debono, bl-applikazjzoni ta` l-istess Artiklu 209 (2) tal-Kap. 12 tiddikjara l-Appell dezert ghall-fini u l-effetti kollha tal-Ligi u bil-mod kif provdut fl-istess artikolu.

Dep/Reg.

gs